MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2003

Numru. 524/2002

PULIZIJA
SPETTUR MARIO BONELLO
VS
SALVU AQUILINA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Salvu Aquilina ta' 61 sena bin Carmelo u Carmela nee Xuereb imwieled St Pauls Bay fit-8 ta' Lulju 1950 u joqghod Boronia, Triq Dun Karm, B'Kara u li ghandu karta tal-identita 769450M talli fis-6 ta' Gunju 2002 ghal habta tas-00.45 ta' wara nofs inhar gewwa l-Hamrun hebb ghall-Edward Caruana ta' 74 sena u kkagunalu griehi ta' natura hafifa skond kif iccertifika Dr Alan Drago MD tal-isptar San Luqa.

Talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied jew b'xi mod iehor.

Talli fl-istess zmien , hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied jew b’xi mod iehor.

Talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi hebb kontra Edward Caruana sabiex jingurja, idejjaq jew jaghmel hsara lil din il-persuna.

Talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq nuccali tal-vista tal-imsemmi Edward Caruana liema hsara ma tiskorrix il-hames mitt lira maltin izda hija aktar minn hamsin lira maltin.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tal-1 ta’ Lulju 2003 fejn l-imputat ammetta l-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat Art 221, 338dd, 339e, 325 tal-kap 9 u Art 22 tal-kap 446 u tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn.

MAGISTRAT
MARICA CARUANA
DEP.REG.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------